MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 306/2009

**Stephen Micallef**

**Vs**

**Dr Raymond Fenech**

Permezz ta’ rikors prezentat fis-26 ta’ Marzu 2009, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi l-istanti, Stephen Micallef, fit-28 ta' Lulju, 2008, wara gurnata xoghol, kien ilmenta minn xi ugiegh f'idu l-leminija u dwar dan, dakinhar stess, kien mar il-klinika ta' l-imharrek sabiex jikkonsulta lill-istess ghalbiex jinstab rimedju ghal dak is-sintomu ta' ugiegh;*

*2. Illi wara li l-istanti spjega lill-imharrek x'kien qed ihoss u fejn, l-istess imharrek issoministra injezzjoni fuq id l-istanti;*

*3. Illi wara tali somministrazzjoni u wara li kien telaq mill-imsemmija klinika, l-istanti beda' jsofri u jbghati minn ugiegh akbar u jdejh bdiet tintefah;*

*4. Illi bhala korollarju ta' dan is-sintomu gdid, l-istanti rega' prova jikkomunika ma' l-imharrek izda dan kien irrintraccjabbli u ghalhekk mar l-iSptar Mater Dei fejn, ghalkemm ghamel diversi sighat jistenna biex jigi nvistat, telaq minghajr ma had ma ezamina l-kundizzjoni tieghu;*

*5. Illi sussegwentement irrintraccja lill-imharrek u meta l-ghada rega' mar fil-klinika tieghu u spjega li l-ugiegh ma kienx telaq, l-istess imharrek rega' ssoministra injezzjoni ohra f'id l-istanti;*

*6. Illi s-sitwazzjoni aggravat ruhha u ghaldaqstant l-istanti, fil-perikolu sahansitra li jitlef hajtu, gie rikoverat l-isptar sabiex hemm jiehu l-kura mehtiega ghall-kundizzjoni li kienet zviluppat;*

*7. Illi meta hemm rikoverat, l-ezamijiet medici u rizultati ospedaljieri ndikaw li l-istanti kien qed isofri minn infezzjoni msejjha "necrotizing fasciitis";*

*8. Illi wara d-debiti medikazzjonijiet u nterventi ospedaljieri ulterjuri, l-infezzjoni giet ikkurata;*

*9. Illi minhabba c-cirkostanzi appena deskritti, l-istanti sofra u ghadu qed isofri danni, kemm ta' natura attwali u kemm ghal dawk li jirrigwardaw il-futur;*

*10. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba nuqqas grossolan ta' prudenza u ta' diligenza rikjesta mill-imharrek qua professjonist mediku, ossija minhabba negligenza, imprudenza, inosservanza tad-debiti ligijiet, regolamenti, ordnijiet, dixxiplini u/jew simili u minhabba imperizja medika da parti ta' l-istess imharrek illi ssomministra u/jew ezegwa njezzjoni fuq persunt l-istanti minghajr ma ha d-dovuti kawteli preskritti mill-komuni prudenza u/jew rikjesti mill-arti jew xjenza medika;*

*11. Illi, noltre, u hekk kif ser jigi dettaljatament pruvat waqt l-andament tal-prezenti procediment, l-imharrek kien traskurat u mmanifesta nuqqas ta' arti u ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni minnu professa u ezercitata meta attenda ghall-ezigenzi medici rikjesti mill-istanti, inter alia, fil-mod u fil-manjiera tal-kura adoperata;*

*12. Illi rizultat ta' dan l-incident l-istanti safa gravement debilitate u sejjer jibqa' hekk b'mod permanenti, u dan oltre' d-danni materjali u ta' natura patrimonjali minnu wkoll sofferti kif sovra gja spjegat;*

*13. Illi l-imharrek, ghalkemm diversi drabi avvicinat biex il-kwistjoni tigi bonarjament diskussa u soluzzjoni ragjonevoli raggjunta, baqa' inerti u ntransigenti;*

*14. Illi ghalkemm l-istanti gudizzjarjament interpella lill-imharrek ghall-assunzjoni ta' responsabbilita' u ghall-eventwali likwidazzjoni ta' danni minnu kkagunati, baqa' inadempjenti;*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li l-konvenut wera nuqqas ta' prudenza u ta' diligenza rikjesta minnu qua professjonist, u/jew li tramite traskuragni l-konvenut immanifesta nuqqas ta' arti u ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni minnu professa u ezercitata meta attenda ghall-ezigenzi medici rikjesti mill-attur, u ghaldaqstant tiddikjarah responsabbli;*

*2. Tiddikjarah, inoltre, responsabbli stante' illi li fis-somministrazzjoni u/jew ezekuzzjoni ta' njezzjoni fuq persunt l-attur, il-konvenut kien negligenti, imprudenti, non osservanti tad-debiti ligijiet, regolamenti, ordnijiet, dixxiplini u/jew simili, kien imperit u ma hax id-dovuti kawteli preskritti mill-prudenza u/jew mid-diligenza rikjesti minn professjonist mediku ta' l-istess kultura, edukazzjoni, status u kalibru, u ghaldaqstant tiddikjarah responsabbli;*

*3. Tiddikjara li tali agir ikkawza kemm danni emergenti u kemm danni cessanti bi pregudizzju ghall-attur u ghall-hajja lavorattiva tieghu;*

*4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fit-8 ta' Mejju 2009, il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi dan ir-rikors huwa monk in kwantu l-ammont pretiz mhuwiex indikat. Dana jgib zewg konsegwenzi:*

*a. Illi l-kompetenza tal-Qorti ma tistax tigi stabilita; u*

*b. Illi l-konvenut qed jigi mcahhad mid-dritt tieghu illi jhallas ossija jiddepozita l-ammont pretiz u b'hekk tinghalaq il-kawza.*

*L-attur irid jikkwantifika t-talba tieghu. L-attur kellu gia l-obbligu li jikkwantifika t-talba tieghu u fil-fatt gie hekk ukoll mitlub li ghamel fit-23 ta' Frar 2009 Dok RF1. Pero' xorta wahda dan m'ghamlux. Il-konvenut ghandu dritt illi sabiex jezimi ruhu minn din il-kawza u minn kull obbligazzjoni joffri l-hlas tat-talba maghmul mill-konvenut jew illi jiddepozita l-istess fil-Qorti. Dana d-dritt gie michud lill-konvenut. Bhala konsegwenza din il-kawza hija irrita u l-konvenut ghandu jigi liberat mill-istess. Spetta mbaghad ghall-attur li jara x'proceduri ohra jiehu validi skond il-Ligi.*

*3. Illi l-onus probandi hija fuq l-attur u din trid issir bl-ahjar prova illi tezisti u bl-izjed mod konvincenti.*

*Illi l-konvenut dejjem mexa b'dik id-diligenza, prudenza u taghlim tal-professjoni tieghu, u ma ghamel xejn li jista' jigi kkonsidrat professjonalment negligent bl-inqas manjera, u wisq inqas b'dik allegata fil-korp tar-rikors u partikolarment fit-talbiet 1 u 2 kif qed jallega l-attur.*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Kwistjoni**.

Il-kaz jitratta dwar allegat *medical practice* tal-konvenut fil-kura li ta lill-attur. Il-kaz inqala' fl-ahhar ta' Lulju 2008 meta l-attur mar ghand il-konvenut jilmenta li kellu wgiegh f'idu l-leminija. Jidher li dakinhar il-konvenut ghamel dijanojzi li l-attur kien qieghed ibati minn *bursitis*. Il-konvenut ta injezzjoni f'id il-leminija tal-attur. Spjega li meta ta l-injezzjoni *"Nuza no touch technique jigifieri li ma mmiss xejn b'idejja. La mmiss il-labra u ma mmiss xejn mill-affarijiet li nkun ha nuza. L-injection tkun siggillata"* (fol. 368). L-attur baqa' mugugh. Ghalkemm qal li pprova jikkomunika mal-konvenut, pero' ma rnexxielux. Ghalhekk mar l-isptar fejn wara li dam jistenna numru ta' sighat, iddecieda li jitlaq. L-attur kompla li minn hemm mar l-isptar St James fejn infaxxawlu idu u ntbaghat id-dar. L-ghada rega' mar ghand il-konvenut fejn rega' nghata injezzjoni. F'dak l-istadju l-pazjent kellu nefha fil-*forearm*. Jirrizulta li l-kundizzjoni ta' sahha tal-attur ipprecipitat u gie rikoverat l-isptar fejn minn ezamijiet medici rrizulta li kien qieghed ibati minn *necrotizing fasciitis*.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Fl-ewwel lok ir-rikors guramentat m'huwiex null. L-attur talab lill-qorti biex tillikwida d-danni. Hu evidenti li sa mill-bidunett l-attur kien qieghed jippretendi hlas li jeccedi l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Fil-kors tas-smiegh tal-kawza kkwantifika wkoll id-danni li jippretendi. M'hemmx dubju li l-kawza giet prezentata quddiem din il-qorti ghaliex l-attur jippretendi li jeccedi l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati.

2. Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet ta' kuntratt (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Rose Gauci et vs Mr Donald Felice et**, 8 ta' Ottubru 2009).

   Fis-sentenza **Victor Savona proprio et nomine vs Dr Peter Asphar et** tat-2 ta April 1951[1], il-Qorti tal-Appell osservat:-

   *"Mid-dottrina u mill-gurisprudenza fuq citati ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenokke' dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke' l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias"*[2].

---

[1] Vol. XXXV.i.55.
[2] Fis-sentenza **Joseph Micallef vs Dr Ivan Vella et** tat-30 ta' April 2013, din il-qorti (Imhallef M. Chetcuti) ghamlet rassenja utli ta' gursiprudenza lokali.

Imbaghad fis-sentenza ta' din il-qorti[3] fil-kawza **Anthony Jones vs It-Tabib Francis Pullicino proprio et nomine e**t tas-27 ta' Gunju 2008, inghad:-

*"Dwar responsabbilta' ta' professjonista, Giorgi (Delle Obbligazioni, Vol. V, para 155, p 252), citat b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza moghtija fit-2 ta' April 1951 in re Victor Savona proprio et nomine versus Dr Peter Asphar et, kien qal hekk:*

*Non puo' annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioe' che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacita' di chi la esercita..... E' scusabile soltanto quell'fallibilita' che e' conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze e delle arti.*

*Dan il-kriterju huwa aktar oggettiv u kompatibbli mal-ligi minn dak ta' l-izball grossolan li wkoll jissemma fil-gurisprudenza, li donnu jrid biex ikun hemm responsabbilta' ta' professjonist livell ta' htija oghla minn dak tal-culpa levis in abstracto li trid il-ligi*".

L-izball li jiehu tabib m'huwiex necessarjament rizultat ta' negligenza. Li tabib jaghmel dijanjozi skorretta m'hijiex fiha nnifisha prova ta' negligenza.

3. Jidher li l-konvenut ghamel dijanjozi li l-attur kien qieghed ibati minn *bursitis*. Il-qorti fehemet li din hi kundizzjoni li teffetwa partijiet tal-gisem bhall-ispalla, l-irkoppa u l-minkeb. Jidher li f'dawn il-partijiet tal-hemm *'fluid filled sacs'* li jirreferu ghalihom bhal *bursaee*, li jagixxu bhala protezzjoni ghall-ghadam, *tendons* u muskoli hdejn il-*joints*. Il-kundizzjoni tizviluppa meta jkun hemm infjammazzjoni tal-*bursae*.

4. Jirrizulta li fid-29 ta' Lulju 2008 l-attur iddahhal l-isptar u kien biss granet wara li mid-Dipartiment tal-Histopathology inhareg rapport fejn gie ccertifikat:

*"Diagnosis*
*Soft tissues, right arm and forearm:* ***Consistent with necrotizing fasciitis****"* (fol. 51).

Ghalhekk kien biss wara ezamijiet li saru fil-labortarorju li gie stabbilit li l-attur ghandu *necrotizing fasciitis*.

5. Il-qorti hi tal-fehma li l-attur ma tax prova li l-attur kien negligenti, meta tqies li:-

   a) Minn dak li fehemet *necrotizing fasciitis* hi kundizzjoni rari hafna li m'huwiex facli tasal ghad-dijanjozi taghha jekk ma jsirux testijiet fil-laboratorju. Tikkonsisti f'infezzjoni serja li taf twassal ghall-mewt tal-

[3] Imhallef G. Caruana Demajo.

pazjent. Il-qorti fehemet li din il-kundizzjoni tirraprezenta emergenza estrema. Mr Raymond Gatt, li kien wiehed mit-tobba li kkura lill-attur meta gie rikoverat l-isptar, xehed:

*"Qabel l-operazzjoni kien rah konsulent iehor safejn naf jien Mr Kevin Cassar l-isptar minhabba c-cirkolazzjoni fl-id, izda rrizulta mir-rizultati illi c-cirkolazzjoni kienet tajba. Dan ifisser li nonostante n-nefha konsiderevoli fl-id, l-arterja f'idu kienet qed ticcirkola d-demm sew. Saru xrays u testijiet tad-demm qabel l-operazzjoni u minn hemm irrizulta d-dijanjozi prezunta li kien qed isofri minn necrotizing fasciitis.* ***Ma konniex qed nahsbu f'din il-kondizzjoni izda meta mir-rizultati eskludejna problemi serji ohrajn, nghid li the penny dropped, u hsibna f'din il-possibilita'****. Din il-kundizzjoni hi nfezzjoni serja li taffetwa muskoli u gilda u li jkun hemm gangrene wara ftit sighat"* (fol. 104).

Ix-xhud kompla jghid li f'ghoxrin sena ta' prattika, dik kienet l-ewwel darba li ra kaz bhal dan;

b) M'hemm l-ebda prova li l-kundizzjoni ta' *necrotizing fasciitis* bdiet minhabba l-injezzjonijiet li l-konvenut issoministra lill-attur. Ghalkemm Mr Charles Swain xehed li *"L-infezzjonijiet huma rikonoxxuti bhala konsegwenza ta' kwalunkwe injection"*, zied li llum *"huma rari hafna minhabba l-igene uzata fis-siringi"* (fol. 112). Il-konvenut xehed li meta ta l-injezzjonijiet uza *no touch technique*.

c) L-attur gie ezaminat mill-ispecjalist Dr Franco Camilleri, li m'ghamilx dijanjozi ta' *necrotizing fasciitis*. Ghalkemm baghat lill-attur l-isptar, fuq ir-*referral note* kiteb: *"Needs urgent assessment and admission to assess"* (fol. 42). Il-kliem ***"to assess"*** jaghtu lill-qorti x'tifhem li f'dak l-istadju Dr Camilleri m'ghamel l-ebda dijanjozi. Sahansitra Dr Camilleri xehed: *"Meta rajt lill-pazjent u cioe' lill-attur,* ***jiena hsibt li seta' kien hemm xi reaction jew kumplikazzjoni tal-injezzjoni li kien inghata****….. Jiena hassejt li l-attur kellu jittiehed l-isptar kienx hemm jew ma kienx hemm injezzjoni peress li kien hemm infjammazzjoni u hmura"* (fol. 375). Verzjoni li turi bic-car li l-ispecjalist qatt ma ssuspetta li kien hemm kundizzjoni ta' *necrotizing fasciitis*. Fil-fatt dak li rrizulta mit-testijiet li saru l-isptar ma jindikax dak li haseb Dr Camilleri, cjoe' li *"…. kien hemm xi reaction jew kumplikazzjoni tal-injezzjoni"* li kien inghata l-attur.

d) Sahansitra l-attur xehed: *"L-isptar dhalt l-emergenza u rawni hafna tobba u* ***wara ftit baghatuni d-dar****"* (fol. 31). Fir-rapport mediku ta' Mr Massimo Abela jinghad: *"Mr Stephen Micallef mar id-Dipartiment tal-Emergenzi fid-29/07/2008, fis-1.39 ta' wara nofsinhar. Kellu nefha u ftit hmura fuq in-naha ta' barra tal-minkeb tal-lemin. Ghamlulu Xrays, injezzjoni ta' voltaren, u gie rilaxxa. Sarlu wkoll appuntament biex jerga' jmur il-Fresh Trauma Clinic gimgha wara"* (fol. 309). Mela lanqas meta gie

ezaminat fl-isptar, ma saret dijanjozi ta' *necrotizing fasciitis*. L-attur kompla jghid li kien fuq intervent tal-konvenut li rega' ddahhal l-isptar[4]. Indikazzjoni ohra li turi li l-konvenut baqa' jsegwi lill-pazjent u wara li kienet saret konsulta ma' Dr Camilleri kien gharaf li l-attur kellu jigi rikoverat l-isptar;

e) Hu minnu li Dr Franco Camilleri xehed: *"F'dan il-kaz,* ***__infjammazzjoni minn mid-arm sa mid-forearm__ bhal ma rajt fuq l-attur, ma setatx tkun brusitis semplici. Nghid hekk fuq dak li rajt __dak il-hin__"*** (fol. 371). Wiehed jista' jargumenta li mehud in konsiderazzjoni din il-verzjoni, meta fid-29 ta' Lulju 2008 l-konvenut ra lill-attur kmieni filghodu, kien hemm diga' indikazzjoni li t-tieni injezzjoni ma kienx ser ikollha effett. Dan meqjus li l-konvenut xehed li ezamina lill-attur, ***"Kellu nefha f'idejh il-leminija"***[5]. Iktar 'il quddiem rega' kkonferma li fid-29 ta' Lulju rega' ra lill-attur fil-klinika tieghu u din id-darba kellu **__nefha fil-*forearm*__** (fol. 368). Sahansitra, Dr Camilleri xehed: *"Nghid li fil-kaz in ezami l-aktar haga importanti ma kenitx precizament id-dijanjozi ta' bursitis jew xi haga ohra imma 'l fatt li* ***kien hemm infjammazzjoni qawwija bil-hmura (li normalment ma tkunx prezenti f'kazijiet ohrajn ta' bursitis) u ghalhekk ridt li jmur l-isptar mill-ewwel"*** (fol. 374), ghalkemm l-istess xhud qal ukoll: *"Nghid li l-infezzjoni tikkawza fjammazzjoni izda mhux kull fjammazzjoni hija kkawzata minn infezzjoni"* (fol. 371). Madankollu ma jidhirx li meta l-attur gie ezaminat kmieni filghodu fid-29 ta' Lulju 2008 u nghata t-tieni injezzjoni, id l-attur kienet tidher bhal meta gie ezaminat minn Dr Camilleri. Li hu evidenti hu li iktar ma beda jghaddi l-hin is-sitwazzjoni bdiet tmur ghall-aghar. Fil-fatt l-attur stess xehed li qabel mar ghal konsulta ghand Dr Camilleri, *"…. Idejja bdiet tintefah. It-tifel tieghi, Ivan, ghadda hafna hin mieghi u huwa beda jghidli sabiex ma naghmel xejn* ***ghaliex idejja bdiet tintefah dejjem iktar"*** (fol. 129). Jirrizulta wkoll li sakemm gie ezaminat minn Dr Camilleri, l-attur gie ezaminat minn Dr Joseph Pace, li xehed li kellu idu *"[….] minfuha hafna u ffjammata u tajtu l-parir li jmur l-isptar…. rajt infjammazzjoni ta' natura gravi taht il-gilda"* (fol. 108). Hu evidenti li l-attur ma hax dan il-parir, u baqa' jistenna l-appuntament li kellu mal-konvenut jarah l-ispecjalist. Fic-cirkostanzi l-qorti tifhem li meta fid-29 ta' Lulju 2008 l-attur gie ezaminat minn Dr Camilleri, l-infjamazzjoni fl-id kienet zdiedet minn meta l-attur gie ezaminat mill-konvenut u nghata t-tieni injezzjoni. Inoltre skond il-perit mediku, meta fis-1.39 p.m. l-attur mar l-isptar wara li ezaminah Dr Franco Camilleri, l-ewwel dijanjozi tat-tobba tal-isptar kienet ta' *"bursitis, jew trombozi fil-vini tad-driegh"* (fol. 313) u wara li nghata l-medicina ntbaghat lura d-dar. Dan wassal biex intilef iktar hin prezzjuz (ara wkoll notamenti tal-isptar a fol. 41 *a tergo*) b'ebda tort tal-konvenut. Dan minkejja li l-parir

[4] *"Meta mort lura d-dar ergajt cempilt lil Dr Raymond Fenech u qalli li ser jerga' jcempel l-ambulanza sabiex tigi ghalija d-dar tieghi, kif fil-fatt gara"* (fol. 31).

[5] (fol. 357). Min-naha l-ohra l-konvenut xehed li meta fit-28 ta' Lulju 2008 ra lill-attur ghall-ewwel darba, *"…. gie b'ugiegh fil-minkeb fin-naha ta' barra u ma stajt nara xejn ghax* ***ma kellux nefha"*** (fol. 361). Il-qorti fehemet li sa dak l-istadju ma kienx hemm sinjali li setghu jindikaw li kien hemm infezzjoni f'id il-leminija tal-attur.

tal-ispecjalist fit-*ticket of referral* (fol. 42). Dakinhar stess fis-sebgha ta' filghaxija l-attur rega' ddahhal l-isptar u nzamm ghall-kura.

f) Jirrizulta li meta l-attur baqa' jilmenta bl-ugiegh, il-konvenut fittex il-parir ta' specjalist. Indikazzjoni li l-konvenut ha prekawzjoni billi rrefera lill-attur ghall-konsulta;

g) L-attur iddahhal l-isptar fid-29 ta' Lulju 2008 u kien biss wara li sarulu testijiet li gie konkluz li ghandu *necrotizing fasciitis* (ara rapport datat 5 ta' Awissu 2008 a fol. 51). F'dan ir-rigward il-perit mediku rrelata *"Necrotizing Fasciitis hi kundizzjoni rari hafna u ghalkemm hafna mit-tobba jafu biha, ftit huma dawk it-tobba li fil-karriera taghhom ikunu raw u ikkuraw kaz. Minhabba f'hekk il-kundizzjoni hi difficli biex tigi djanostikata.* ***Fil-fatt id-dijanozji fil-kaz ta' Mr Micallef giet m'ghamulha biss ladarba gie operat u hargu r-rizultati tal-mikrobijologija u tal-histologija****"*; Sahansitra kif osserva l-perit mediku, meta fit-30 ta' Lulju 2008 l-attur gie ezaminat mill-ispecjalist Mr Raymond Gatt, l-ezami mediku gie rappurtat hekk:

- *Has tense swelling;*
- *Normal sensation and pulses;*
- *No evidence of infective process*;

Hu evidenti li sa dak il-punt kienet ghadha ma saritx dijanjozi li l-attur qieghed isofri minn *necrotizing fasciitis*. Tant hu hekk li l-Professur Cuschieri kkonferma li kien fil-31 ta' Lulju 2008 li kkomunika mieghu Mr Raymond Gatt u qallu li kellu kaz ta' nercrotizing fasciitis u talbu parir dwar il-kura li kellha tinghata lill-pazjent[6].

Il-qorti taqbel mal-osservazzjonijiet li ghamlet il-perit legali f'dik il-parti tar-rapport intestata ***"Dwar l-Ewwel Talba"*** (fol. 348-349). F'nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-26 ta' Novembru 2012 l-attur dahal f'hafna dettall dwar il-*modus operandi* tal-konvenut. Spjega li dan kien kaz fejn *"…. wara ezami superficjali tal-pazjent tieghu, iddecieda li jinjetta sustanzi fl-istess pazjent b'mod inkawt. Dan ghamlu fuq rikollezzjoni imperfetta (mhux akkurata u/jew accertata) ta' l-istorja medika tal-persuna kurata u minghajr ezami prudenti u diligenti ta' xi kundizzjoni medika konkomittanti jew precedenti ghall-kura li kienet qed tinghata"* (fol. 207). Il-qorti ma taqbilx ma' din il-posizzjoni. Irrizulta li l-attur kien ilu pazjent tal-konvenut u m'huwiex probabbli li ma kienx jaf l-istorja medika tieghu. Jirrizulta li meta fis-27 ta' Lulju 2008 l-attur mar ghand il-konvenut u spjega l-ugiegh, il-konvenut ezaminah u ghamel

[6] *"Dan il-kaz niftakru sew ghaliex m'huwiex kaz komuni u huwa* ***rarissimu****. Fil-31 ta' Lulju 2008 filghaxija rcevejt telefonata minghand il-konsulent Mr Ray Gatt waqt li kont id-dar. Qalli li ghandu kaz ta' necrotizing fasciitis u talabni biex intih parir fuq it-terapija bhala kura u x'antibiotics stajna naghtu lill-pazjent"* (fol. 383).

dijanjozi li l-attur kellu *bursitis* fil-minkeb. F'dak l-istadju l-konvenut iddecieda dwar kif kellu jikkura lill-attur. M'hemmx provi li f'dak l-istadju kien hemm cirkostanzi li setghu taw xi hjiel lil tabib li hu *general practitioner* biex iwassluh jaghmel dijanjozi ta' *necrotizing fasciitis.* Hu evidenti li kien biss b'testijiet li saru fil-laboratorju li d-dijanjozi setghet issir. Hu evidenti li meta l-konvenut ra li s-sitwazzjoni ma kenitx gejja 'l quddiem wara t-tieni injezzjoni, kien pront jirreferi lill-konvenut ghand specjalist. F'dak l-istadju l-konvenut kellu dubju u ghamel sew li rrefera lill-attur ghall-konsulta.

L-attur kompla jghid: *"Hija t-tezi ta' l-attur illi l-konvenut, bhala t-tabib kuranti u bhala professjonist mediku, kellu jkun konxju u al corrente ta' kif ghandha tigi somministrata injezzjoni".* Pero' m'hemmx prova li ma kienx. F'paragrafu 54 tan-nota ta' sottomissjonijiet (fol. 217) argumenta li l-infezzjoni *"..... giet indotta jew facilitata mis-somministrazzjoni taz-zewg, jew wahda mill-injezzjonijiet da parti tal-konvenut meta dan ma hax il-mizuri prekawzjonali li gew deskritti aktar kmieni f'din in-nota"* (fol. 217). Hadt mit-tobba li xehed u wisq inqas il-perit mediku ma waslu ghal tali konkluzjoni. M'hemmx provi li l-injezzjonijiet kienu l-kagun tal-kundizzjoni *necrotizing fasciitis* jew li dawn kienu l-kagun ta' xi dannu li l-attur ighid li sofra. Mr Charles Swain stess meta xehed ikkonferma li dak li qal fir-rapport tad-9 ta' Lulju 2009 m'huwiex li n-necrotizing fasciitis irrizultat mill-injezzjonjiet (fol. 112). Qal ukoll *"Dan kien tip ta' organizmu komuni li jirvella xi kultant"* (fol. 111). Pjuttost jidher li l-organizmu kien diga' prezenti fil-pazjent. Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tikkonkludi li hemm xi prova cara l-injezzjonijiet wasslu ghall-infezzjoni.

L-indikazzjoni hi li f'dan il-kaz il-konvenut ghamel *misdiagnosis*. Fin-nota ta' sottomissjonjiet li pprezenta fis-16 ta' Dicembru 2014, il-konvenut qal li ***"[....] d-dijanjozi ahharija ma kenitx korretta. Fil-fatt it-tabib haseb illi Micallef kellu tenis elbow mentri fil-fatt kellu necrotizing fasciitis".*** Il-qorti m'hijiex tal-fehma li mill-provi rrizulta li l-attur gie *misdiagnosed* minhabba n-negligenza tal-konvenut. Inoltre, ma rrizultax li fil-qadi ta' dmirijietu agixxa b'mod li mhux mistenni minn *general practitioner*.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-eccezzjoni bin-numru tnejn. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tal-konvenut.**
2. **Tilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet u tichad it-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------